# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 11 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 210/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Farrugia u**
**Patrick Farrugia.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Farrugia u Patrick Farrugia talli fl-4 ta' April, 1998 ghall-habta tat-3.00 pm ikkagunaw hsara volontarja[1] f'*pipe* proprjeta` ta' Grezzju Farrugia li jinsab ghaddej minn ghalqa maghrufa bl-isem ta' Garnaw, fil-limiti tal-Gudja, li tinsab fil-pussess tal-istess Carmelo Farrugia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru, 2001, li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

*"Illi in vista ta' dan kollu din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat Patrick Farrugia hati skond l-akkuza u wara li rat l-Art 85 u 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena waqt li ssib lill-imputati* ***[recte:** imputat**]*** *Carmelo Farrugia mhux hati u tilliberah."*

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Patrick Farrugia, minnu ppresentat fil-21 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza in kwantu tirrigwarda lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

---

[1] Il-kelma "volontarja" wara l-kelma "hsara" zdiedet b'rizultat tal-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar, 1999 quddiem il-Qorti Inferjuri (ara fol. 7 tal-atti). Fil-verbal ta' dik l-udjenza jinghad ukoll li "l-imputati jaghtu ruhhom [b']notifikati", evidentement b'referenza ghall-korrezzjoni li kienet qed issir fl-imputazzjoni. Din il-korrezzjoni tinsab riflessa fuq il-komparixxi a fol. 1 tal-atti, izda, evidentement bi zvista, thalliet barra mis-sentenza dattiloskritta li tinsab a fol. 193 *et seq.*

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx issibu hati kif effettivament sabitu, u cioe` tar-reat ta' *ragion fattasi*, peress li hu ma kienx akkuzat b'dan ir-reat izda bir-reat ta' hsara volontarja kontemplat fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali.

Dwar dana l-aggravju, il-Qorti tosserva li l-appellant ghandu ragun. Il-fatti migjuba fl-imputazzjoni jipotizzaw ir-reat ta' hsara volontarja fil-proprjeta`, li huwa reat kompletament separat u distint minn dak ta' ezercizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet. Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, l-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja jammonta ghal nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi ghall-finijiet tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Mario Agius*** App. Krim. 3/2/1995; ***Il-Pulizija v. Mary Grech*** App. Krim. 7/7/1995). Dana n-nuqqas ta' formalita` sostanzjali jgib bhala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza appellata u s-smiegh mill-gdid fil-mertu minn din il-Qorti fir-termini ta' l-Artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodici. Anqas jista' jinghad f'dana l-kaz li l-ewwel qorti kienet qed issib lill-appellant hati ta' *ragion fattasi* bhala reat inferjuri izda kompriz u involut f'dak ipotizzat. Kif diga nghad, iz-zewg reati huma f'dan il-kaz separati u distinti. Ghalkemm huwa veru li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (per ez., hsara volontarja, serq) u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' *ragion fattasi* jew dak ir-reat l-iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni ta' l-agent (***Il-Pulizija v. John Portanier***, App. Krim. 29/4/1998), b'dana kollu ma jistax jinghad li r-reat ta' *ragion fattasi* huwa kompriz u involut f'dak ta' hsara volontarja jew vice versa. Biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkun jinsabu fir-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat *"quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave"*[2]. Proprju minhabba l-intenzjoni ossia l-element formali rikjest fir-reat ta' hsara volontarja minn naha u ta' *ragion fattasi* minn naha l-ohra, iz-zewg reati <u>jeskludu wiehed lill-iehor</u>, b'mod ghalhekk li ma jistax wiehed minhom ikun kompriz u involut fl-iehor.

Ghalhekk din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u sejra tiddeciedi l-kaz mill-gdid fil-mertu.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza (inkluzi d-deposizzjonijiet moghtija quddiem l-ewwel qorti u debitament traskritti) u tikkonkludi li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-appellant ghamel xi hsara (fil-*pipe* proprjeta` ta' Grezzju Farrugia) <u>fil-gurnata specifikata l-imputazzjoni</u>. Grezzju

---

[2] Antolisei, F., **<u>Manuale di Diritto Penale, Parte Generale</u>** Giuffre` (Milano), 1989, p. 469. Simili, ghalkemm mhux identika, hija r-regola tal-*common law* Ingliza dwar il-verdetti alternattivi: *"At common law conviction of a lesser offence than that charged was permissible provided that the definition of the greater offence necessarily included the definition of the lesser offence, and that both offences were of the same degree, i.e. felony or misdemeanour"*, **<u>Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice (2001)</u>** Sweete & Maxwell (London), 2001, para. 4 – 453, p. 494.

Farrugia, fid-deposizzjoni tieghu tas-7 ta' Awissu, 2000 quddiem l-ewwel qorti, jghid li l-appellant kisser il-*pipe* (fol. 83, 84). Pero` meta gie mistoqsi jekk kienx ra lill-appellant jaghmel hekk, ossia jkisser il-*pipe*, hu fisser li kien rah huh Mario b'ghajnejh (u ghalhekk dak li qed jghid Grezzju qed jghidu fuq dak li, presumibbilment, qallu Mario, u ghalhekk huwa *hearsay* u inammissibbli bhala prova ta' dak li verament sehh). Apparti minn hekk, dana Grezzju jghid li l-ahhar darba li nqatghu il-pajpijiet kien fis-<u>6 ta' Frar tal-1998</u>. Mario Farrugia, meta kien qed jixhed dwar kemm-il darba inqasmu l-pajpijiet li kien hemm, jistqarr li ma kienx jaf minn qasamhom ghax hu ma kienx hemm (fol. 69). Johnny Farrugia jghid li fis-<u>6 ta' Frar</u> hu (u Patrick) qalghu (mhux kissru) l-*pipe* fuq struzzjonijiet tal-avukat taghhom, filwaqt li dwar x'gara fl-4 ta' April ma seta' jghid xejn ghax ma kienx hemm (ara fol. 126 u 127). L-appellant, meta xehed quddiem il-Qorti Inferjuri, ammetta li fis-<u>6 ta' Frar, 1998</u> hu u haddiehor qalghu (mhux kissru) l-*pipe*:

"Iva. Il-*pipe* zarmajnieh u waddabnieh gol-ghalqa taghhom bla hsara ta' xejn jigifieri. Anzi l-bicca l-ohra li kien fadal ippruvajna naqilghuha u l-papa` tieghi qalli "halliha li ma jmurx inkissruhielhom". (fol. 129, 130).

Kwantu ghal dak li gara fl-<u>4 ta' April, 1998</u>, l-appellant jghid li waqt li missieru kien qed jahrat l-ghalqa dan (cioe` missieru) accidetalment laqghat il-*pipe* u ghamillu hsara (fol. 130, 131).

Fic-cirkostanzi kollha, din il-Qorti tara li ma jistax jinghad li l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-appellant giet sodisfacentement pruvata.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell billi, fl-ewwel lok, tiddikjara (kif diga ddikjarat) is-sentenza appellata nulla u bla effett u, fil-mertu, tiddikjara li ma ssibx lill-appellant hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u konsegwentement qed tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.